# Kawża C-394/07

## Marco Gambazzi

## vs

## DaimlerChrysler Canada Inc.
## u
## CIBC Mellon Trust Company

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Corte d'appello di Milano)

"Konvenzjoni ta' Brussell — Rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sentenzi — Raġunijiet tar-rifjut — Ksur tal-ordni pubbliku tal-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza — Esklużjoni tal-konvenut mill-proċeduri quddiem il-qorti tal-Istat ta' oriġini minħabba nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' ordni ġudizzjarja"


Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali J. Kokott, ippreżentati fit-18 ta' Diċembru 2008 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . I - 2565

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-2 ta' April 2009. . . . . I - 2582


Sommarju tas-sentenza

1. *Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi — Rikonoxximent u eżekuzzjoni — Kunċett ta' "sentenza" — Sentenzi mogħtija fil-kontumaċja — Inklużjoni — Kundizzjonijiet*

   *(Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968, Artikolu 25)*

2. *Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi — Rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi — Raġunijiet tar-rifjut — Ksur tal-ordni pubbliku tal-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza — Evalwazzjoni mill-qorti li fiha tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza*

*(Konvenzjoni tas-27 Settembru 1968, Artikolu 27(1))*

1. L-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, kif emendata bil-Konvenzjonijiet ta' Adeżjoni tal-1978, 1982, 1989 u 1996, jirreferi għad-deċiżjonijiet kollha mogħtija mill-qrati tal-Istati kontraenti, mingħajr ma jagħmel distinzjoni bejniethom. Sabiex tali sentenzi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konvenzjoni, huwa biżżejjed li, qabel ma jkun intalab ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tagħhom fi Stat li ma jkunx l-Istat ta' oriġini, huma kienu, jew setgħu jkunu s-suġġett, f'dan l-Istat ta' oriġini, skont proċeduri diversi, ta' istruttorja kontradittorja. Peress li d-deċiżjonijiet ta' qorti nazzjonali ngħataw taħt il-forma ta' sentenza u ta' digriet mogħtija fil-kontumaċja fi proċeduri ċivili li, bħala regola, isegwu l-prinċipju tal-kontradittorju, il-fatt li l-qorti ddeċidiet bħallikieku l-konvenut, li kien deher debitament quddiemha, kien kontumaċi mhuwiex biżżejjed sabiex tiġi kkontestata l-kwalifikazzjoni tad-deċiżjonijiet mogħtija.

(ara l-punti 22, 23, 25)

2. L-Artikolu 27(1) tal-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, kif emendata bil-Konvenzjonijiet ta' Adeżjoni tal-1978, 1982, 1989, u 1996 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-qorti tal-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza tista' tikkunsidra, fir-rigward tal-klawżola ta' ordni pubbliku msemmija f'dan l-artikolu, il-fatt li l-qorti tal-Istat ta' oriġini ddeċidiet dwar it-talbiet tar-rikorrent mingħajr ma semgħet lill-konvenut, li deher debitament quddiemha iżda li ġie eskluż mill-kawża permezz ta' digriet għaliex ma ssodisfax l-obbligi imposti permezz ta' digriet mogħti preċedentement fil-kuntest tal-istess kawża, meta, wara evalwazzjoni globali tal-kawża u fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha, deherilha li din il-miżura ta' esklużjoni kienet ksur manifest u sproporzjonat tad-dritt għal smigħ tal-konvenut. L-istħarriġ tal-qorti tar-rinviju għandu jirrigwarda mhux biss il-kundizzjonijiet li fihom ġew meħuda d-deċiżjonijiet li tagħhom qed tintalab l-eżekuzzjoni, iżda wkoll il-kundizzjonijiet li fihom ġew mogħtija, fi stadju preċedenti, l-ordnijiet ta' inġunzjoni, u b'mod partikolari, il-verifika, minn naħa waħda, tar-rimedji tad-dritt li l-konvenut kellu għad-dispożizzjoni tiegħu u, min-naħa l-oħra, tal-possibbiltà li l-konvenut jinstema', fil-kuntest tal-imsemmija deċiżjonijiet, fl-osservanza tal-prinċipju tal-kontradittorju u fl-eżerċizzju sħiħ tad-drittijiet tad-difiża.

(ara l-punti 41, 46, 48 u d-dispożittiv)